**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IL-SEBA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 65 – IT-TNEJN, 18 TA' APRIL 2016 FIS-5.40PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| Rita Saliba | Kunsillier |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Trevor Fenech | Kunsillier |
| Neville Mallia | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Mikhail Micallef | Kunsillier |

Assenti

| | |
|---|---|
| Malcolm Abdilla | Kunsillier |

**1 Approvazzjoni Minuti Numru 64**

1.1 Kien hemm korrezzjoni waħda. Fil-paragrafu 5.2.1 għandha tinbidel il-kelma Kappella minflok Kampanella.

1.2 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is Sinjura Rita Saliba ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Punti mtella mill-Minuti**

2.1 Is-Sinjura Joan Farrugia ġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill li hi ltaqgħet mal-Uffiċjali tal-MEPA rigward is-siġra ta' Triq l-Ibiskus, fejn hi ġiet nfurmata li din is-siġra hija perikoluża u mhux protetta. Il-Kunsill qed jistenna konferma bil-miktub biex din is-siġra tiġi mneħħija. Hi qed titlob il-minuti u l-approvazzjoni meta tneħħiet l-ewwel siġra. Is-Sindku għandu jagħmel kuntatt mal-Uffiċjal tal-MEPA fuq din.

**3 Pagamenti Numru 56**

2.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

## 4 Korrispondenza

4.1 Kien hemm diskussjoni rigward l-ordni mit-TM biex jitneħħa il-parkeġġ minn Triq Savona kantuniera ma' Triq Massabielle minħabba li hija fi splay. Ġie deċiż li titneħħa din kif mitlub mit-TM.

4.2 Kien hemm diskussjoni rigward applikazzjoni PA 0146/16 għal Change of use minn Garage għal Car Wash. Il-Kunsill innota li dan il-garage diġà qed jintuża bħala Car Wash u diġà hemm numbru ta' inkonvenjenzi għar-residenti, bil-bankina mblukkata u ilma fit-triq. Is-Sinjura Marica Bayliss ipproponit li l-Kunsill jirreġistra oġġezzjoni fuq din l-applikazzjoni. Is-Sinjura Rita Saliba ssekondat. Kien hemm 2 favur, 0 kontra u 5 astensjoni. Għandha tiġi reġistrata oġġezzjoni.

4.3 Kien hemm qbil li ssir No Objection biex il-Housing Authority jagħmel lift esterna fi blokka tal-Gvern fi Triq il-Ħawħa kantuniera ma' Triq Akaċja.

4.4 Il-Kunsill ġie nfurmat li ma ġietx aċċetta l-proposta tal-Kunsill (ta' musical) għall-fondi biex tiġi organizzata attività kulturali skont Memo 30/2016.

4.5 Kien hemm diskussjoni rigward mera fi Triq il-Baltiku u korrispondenza mill-monitoring. Din il-mera ġiet ivandalizzata kemm il-darba u nbidlet kemm il-darba. Kien hemm komferma li din il-mera ma terġax issir.

4.6 Kien hemm diskussjoni rigward seminar u l-attività tal-Ħadd, 24 ta' April 2016, Picnic fil-Wied li ser isir flimkien mal-Kunsilli tas-Swieqi u San Ġiljan. Kien hemm qbil li jinkrew żewġ mobile toilets għal din l-attività.

## 5 Komunikazzjoni mis-Sindku

.

5.1 Kien hemm diskussjoni rigward il-problema ta' parkeġġ fi Triq il-Mediterran minħabba uffiċini f'San Ġiljan li jagħmlu użu ta' parkeġġ f'San Ġwann. Is-Sindku staqsa jekk għandiex nitolbu għal timed parking f'din it-triq. Ma kienx hemm qbil li ssir din it-talba.

5.2 Il-Kunsill ġie nfurmat li s-smiegħ tal-Appell għat-tender tal-ġbir ta' skart domestiku huwa l-Ħamis, 28 ta' April 2016.

5.3 Kien hemm diskussjoni fuq il-budget tal-Kunsill proposta. Ġie deċiż li jiġi approvat b'inklużjoni ta' 2000 Ewro għall-attivitajiet sportivi. Kien hemm qbil unanimu.

5.4 Kien hemm diskussjoni fuq il-pjan ta' ħidma għat-tliet snin li jmiss. Ġie approvat dan il-pjan.

Is-Sinjura Rita Saliba skużat ruħha mil-laqgħa (6.50pm).

5.5 Kien hemm diskussjoni rigward l-issues pendenti mal-Perit tal-kunsill. Dawn jinkludu:-

5.5.1 Rampa fi Triq George Tayar. Il-Kunsill għandu jitlob li terġa' titkejjel biex ma tkunx ta' inkonvenjent għal ħadd.

5.5.2 Il-Kunsill innota No Objection mill-KNPD għall-pjanti proposti għal Misraħ il-Ward.

5.5.3 Il-Kunsill innota wkoll il-pjanti għaċ-Ċentru tal-Komunità propost minflok l-uffiċċini preżenti.

5.6 Kien hemm diskussjoni rigward proposta tat-TCTC għal korsijiet tal-computer 4kids. Minħabba li l-Kunsill m'għandux fejn jospita dan il-courses, ġie deċiż li ma nieħdux sehem.

5.7 Il-Kunsill ġie nfurmat li hemm laqgha mal-Guard and Warden rigward il-bookings tal-wardens TMS fl-Uffiċċju tal-Kunsill nhar l-Erbgħa, 20 ta' April 2016 fil-11.00am. Kulħadd huwa mistieden. Is-Sindku għandu laqgħa wkoll mad-Direttur tal-LESA fl-istess ġurnata fis-1.30 pm fl-Uffiċċju tal-LESA.

5.8 Il-Kunsill għandu jiltaqa' mal-Kummissarju għas-Simplifikazzjoni u Reduzzjoni tal-Burokrazzija fis-27 ta' April 2016. Dawk li jixtiequ jattendu għandhom jinfurmaw lis-Segretarju Eżekuttiv.

5.9 Il-Kunsill innota talba minn resident fi Triq San Ġużepp biex tiġi rramġata bankina quddiem ir-residenza tiegħu bi spejjeż għalih. Kien hemm qbil sakemm dan ma joħloqx ostaklu jew periklu għal min juża l-bankina.

Is-Sur Neville Mallia skuża ruħu mil-laqgħa (7.10pm).

## 6 Affarjiet Oħra

6.1 Is-Sur Dominic Cassar ressaq talba għal un/loading fi Triq Birkirkara quddiem il-ħanut Pictures and Frames. Din għandha tiġi riferuta lil KAC u ssir talba lil TM. Ressaq ukoll talba għal reserved parking minn Dental Clinic fi Triq in-Naxxar. Il-Kunsill innota li din ir-reserved parking hija mitluba għad-Dentist. Kien hemm qbil unanimu li ma tiġix aċċettata din it-talba. Is-Sur Cassar talab ukoll biex issir lampa ġdida fi Triq l-Adrijatiku. Ġie deċiż li din issir jekk hemm bzonnha. Għandha tinġabar quotation għall-bozza ġdida.

## 7 Għeluq il-Laqgħa

7.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7.20pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 2 ta' Mejju 2016 fil-5.30pm.

________________________
**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

________________________
**Etienne Bonello Du Puis**
**Sindku**